MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-22 ta' April, 2015

Appell Kriminali Numru. 443/2014

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Borg**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Anthony Borg, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 469377(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli għax-xahar ta' Marzu 2014, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil martu Claudette Portelli u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15-il jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2014 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-

artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-istess Anthony Borg ħati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u kkundannatu xahar detenzjoni;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Anthony Borg ippreżentat fis-6 ta' Novembru 2014 fejn talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah mill-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; rat illi fis-seduta tallum mart l-appellant iddikjarat illi l-appellant ħallasha proprju dalgħodu; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant hu li l-ewwel Qorti m'għamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti u li hu għandu diżabilita` u ma jistax iħallas il-manteniment.

**6.** In vista tal-fatt illi tħallas l-ammont dovut għax-xahar ta' Marzu 2014, din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tikkunsidra l-aggravju ta' l-appellant.

**7.** Issa, stante illi l-kontravvenzjoni in kwistjoni hija kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, mhijiex rinunzjabbli. Iżda, kif ġie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deċiż fid-9 ta' Lulju 2003 u f'diversi sentenzi susseġwenti:

> **"l-għan ewlieni tal-leġislatur meta ntroduċa din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jġib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jħallsu manteniment lid-dipendenti tagħhom u mhux li jippunixxi biss għall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal għandhom dejjem jiġu obduti u osservati skrupolożament."**

Konsegwentement għandu jkun hemm temperament fil-piena.

**8.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu għall-ħtija iżda tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant għal xahar detenzjoni u minflok, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien sitt xhur millum. Din il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni

kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------